Avviz Numru CCT 16/12/GZ

**Oreste Cassar**

**vs**

**Orange Travel Ltd.**

Illum 27 ta' Frar 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrenti talab il-hlas ta' disgha mitt Ewro (€900.00), li minnhom mitejn Ewro (€200.00) qed jintalbu bhala danni morali, u dana in vista ta' 'tour' li huwa bbukja minghand is-socjeta' ntimata, liema 'tour' ma kienx tal-livell li huwa kien hallas ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Il-vaganza ta' hajtu gewwa l-Amerika, il-Karibew u Londra kellha tkun wahda memorabbli, ghaliex kien ilu jistenniha u jgemma' ghaliha tlettax-il sena. Giet tiswa hafna flus, sewwa sew, elfejn u sebgha mitt Ewro (€2700.00). Madanakollu, minkejja s-sbuhija tal-postijiet li zar, is-servizz li nghata kien inaccettabbli u mhux professjonali, u ferm anqas minn dak li wiehed ragonevolment jistenna minn agenzija tal-ivjaggar. Ir-rizultati tal-hafna nuqqasijiet kienu jikkonsistu kemm f'danni materjali, fejn minhabba it-telf ta' hin prezzjuz li tilef matul il-gita ma setax jara dak kollu li seta' jara u li wiehed

jistenna li jara meta jkun f'dawn il-pajjizi; kif ukoll f'danni morali fejn kull gurnata kellu jiggieled ghad-drittijiet tieghu sabiex kemm jista' jkun jirrimedja l-inefficjenza tas-socjeta' ntimata.

Filwaqt li fil-bidu tal-oggezzjoni tar-rikorrent, huwa kien qed jitlob kumpens ta' hames mitt Ewro (€500.00), issa li kellu jasal ghal dan l-istadju sabiex jiehu dak li hu tieghu, huwa qed jgholli t-talba ghal disgha mitt ewro (€900.00).

Ir-rikorrent ezebixxa ittra datata 29 ta' Settembru 2011 u mibghuta lis-socjeta' ntimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija tirribatti t-talbiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jintwera waqt it-trattazzjoni tal-kaz, u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. It-talba hija attakk personali kontra t-'tour leader', liema 'tour' leader' huwa wiehed professjonali u kompetenti;

2. Hafna mit-talbiet tar-rikorrent jittrattaw dwar dewmien waqt il-btala. Dan id-dewmien kien mistenni tenut kont tal-kobor tal-pajjizi u l-postijiet ikkoncernati u tas-size tal-grupp;

3. Ir-rikorrent kien giet informat fuq hafna affarijiet li minnhom issa qieghed jilmenta. Huwa kellu tali informazzjoni kemm waqt laqghat li saru ghal ta' l-apposta, kif ukoll mill-'brochure' tas-socjeta' ntimata;

4. Hemm diversi fatti msemmija mir-rikorrent li huma esagerati jew addirittura mhux vera, jew frivoli u vessatorji;

5. Ir-rikorrent huwa in mala fede, u dan jirrizulta car mill-fatt illi qabel ma fetah il-kaz il-kumpens mitlub minnu kien ferm anqas minn dak li qed jitlob quddiem dan it-Tribunal;

6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpens mitlub li jammonta ghal terz tal-flus li thallas ghal dan il-vjagg, huwa wkoll esagerat, u minbarra hekk, jeccedi l-massimu li jista' jinghata minn dan it-Tribunal ai termini ta' l-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dikjarazzjoni ffirmata flimkien ma' diversi dokumenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ircevuta ghall-ammont li thallas lis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.SC1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana 'illi l-konsumatur ikun irid izomm is-socjeta' responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar haddiehor Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghan-"nuqqasijiet", hekk imsejjha mir-rikorrent. Illi ghalhekk, is-socjeta' ntimata ma tista' qatt titqies responsabbli ghan-nuqqasijiet ta' haddiehor, u bl-ebda mod ma jista' jinghad illi s-socjeta' ntimata naqqset mill-obbligi taghha. Mill-provi li ngabu, it-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip u in oltre qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**